EUIPN
EUROPEAN UNION
INTELLECTUAL PROPERTY NETWORK

www.euipn.org

MT

# KOMUNIKAZZJONI KOMUNI

# L-UŻU TA’ TRADEMARK F’FORMA DIFFERENTI MINN DIK IRREĠISTRATA

OTTUBRU 2020

## 1. SFOND

L-Uffiċċji tal-Proprjetà Intellettwali tan-Network Ewropew għat-Trademarks u d-Disinji jkomplu jikkollaboraw fil-kuntest tal-Programm ta' Konverġenza. Issa laħqu qbil dwar Prattika Komuni addizzjonali fir-rigward tal-użu ta' trademarks f'forma differenti minn dik irreġistrata bil-għan li jiġu identifikati prinċipji ġenerali għall-valutazzjoni meta l-użu ta' trademark f'forma differenti minn dik irreġistrata jbiddel il-karattru distintiv tagħha u biex jipprovdu gwida f'dan ir-rigward.

Din il-Prattika Komuni hija magħmula pubblika permezz ta' din il-Komunikazzjoni Komuni, bil-għan li żżid iktar it-trasparenza, iċ-ċertezza legali, u l-prevedibbiltà għall-benefiċċju kemm tal-eżaminaturi kif ukoll tal-utenti.

L-iskoptal-Prattika Komuni huwail-valutazzjoni tat-tipi ta' bidliet li jistgħu jseħħu fis-sinjal meta jintuża f'forma differenti minn dik irreġistrata, jiġifieri meta jiżdiedu, jitħallew barra, jiġu mmodifikati elementi jew meta dawn il-bidliet jidhru flimkien.

Il-kwistjonijiet li ġejjin huma **esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni** tal-Prattika Komuni:

- It-tipi ta' marki li mhumiex marki ta' kelma, marki purament figurattivi u marki komposti, b'mod partikolari, marki ta' forma, marki ta' pożizzjoni, marki ta' disinn, marki ta' kulur u marki oħra mhux tradizzjonali.
- Deskrizzjonijiet, talbiet ta' kulur u dikjarazzjonijiet ta' ċaħda ta' responsabbiltà. Għalkemm jista' jkollhom impatt fuq il-valutazzjoni, dawn ma jitqisux għall-iskop ta' din il-Prattika Komuni peress li s-sinjali jiġu vvalutati fuq il-bażi tar-rappreżentazzjonijiet murija fl-eżempji pprovduti.
- Il-karattru distintiv imsaħħaħ permezz tal-użu (reputazzjoni, karattru magħruf sew) u l-impatt tiegħu fuq il-valutazzjoni;
- Definizzjoni ta' użu ġenwin u l-metodoloġija tal-IPOs tal-SM fl-eżaminazzjoni tiegħu;
- Definizzjoni ta' fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġi vvalutat l-użu ġenwin (jiġifieri l-post, il-ħin u l-firxa tal-użu);
- Mezzi ta' evidenza li għandhom jiġu ppreżentati sabiex jiġi ppruvat l-użu ġenwin ta' sinjal (eż. katalgi, fatturi, listi ta' prezzijiet jew stħarriġ). Ir-raġunament ipprovdut bl-eżempji kollha huwa bbażat fuq is-suppożizzjoni li r-rappreżentazzjoni tas-sinjal kif użat f'dawn l-eżempji hija l-uniku mezz/mod ta' użu ppreżentat fl-evidenza ta' sostenn([1]);
- Aspetti proċedurali relatati mal-oppożizzjoni, ir-revokar u/jew l-invalidità;
- Deskrizzjoni ta' restrizzjonijiet legali li jipprevjenu l-implimentazzjonijiet b'mod partikolari l-IPOs tal-SM;
- Il-kwistjonijiet lingwistiċi (l-eżempji kollha jkunu bl-Ingliż, u wieħed jassumi li għandhom jinftiehmu mill-pubbliku rilevanti).

[1] Il-valutazzjoni dwar jekk is-sinjal kif użat jikkostitwixxix varjazzjoni aċċettabbli tal-forma rreġistrata tiegħu trid tkun ibbażata fuq l-evidenza pprovduta mill-partijiet fil-każ partikolari.

## 2. IL-PRATTIKA KOMUNI

It-test li ġej iqassar il-messaġġi ewlenin u d-dikjarazzjonijiet prinċipali tal-prinċipji tal-Prattika Komuni. It-test komplut u l-eżempji illustrati kollha użati jistgħu jinstabu fl-Anness 1 għal din il-Komunikazzjoni Komuni.

### RIMARKA PRELIMINARI DWAR L-UŻU SIMULTANJU TA' DIVERSI SINJALI

Is-sinjali spiss jintużaw flimkien ma' sinjali oħra fil-kummerċ (eż. biex jindikaw subditta u/jew housemark jew flimkien ma' isem ta' kumpanija). Meta diversi sinjali jintużaw flimkien iżda jibqgħu indipendenti minn xulxin u jwettqu l-funzjoni distintiva tagħhom bħala sinjali separati, il-kwistjoni dwar jekk il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat inbidilx lanqas biss tinqala'.

| **Użu simultanju ta' diversi sinjali (Klassi 33)** | |
|---|---|
| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat |
|  |  |

## PRINĊIPJI TAL-PRATTIKA KOMUNI:

### PASSI TA' VALUTAZZJONI

***Dwar il-valutazzjoni dwar jekk is-sinjal kif użat jikkostitwixxix varjazzjoni aċċettabbli tal-forma tiegħu kif irreġistrat, għandhom jittieħdu l-passi li ġejjin:***

**STADJU 1:** Valutazzjoni tas-Sinjal kif Irreġistrat: Jiġi vvalutat is-sinjal kif irreġistrat billi jitqiesu l-elementi distintivi u dominanti viżwalment tiegħu.

**STADJU 2:** Valutazzjoni tad-Differenzi fis-Sinjal kif Użat u l-Effett tal-Bidliet: Jiġi vvalutat jekk dawk l-elementi li jikkontribwixxu għall-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat ikunux preżenti u/jew modifikati fis-sinjal kif użat, f'paragun dirett (jiġifieri b'mod parallel) taż-żewġ sinjali.

Fir-rigward tal-effett tal-bidliet, irid jittieħed inkunsiderazzjoni l-grad ikbar jew inferjuri tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat.

## ŻIDIET

***Meta jiżdied element mas-sinjal kif użat u ma jiġix ikkunsidrat bħala użu simultanju ta' diversi sinjali, dan jikkostitwixxi żieda.***

### Żieda ta' Elementi Distintivi

Fil-prinċipju, iż-żieda ta' element distintiv li jinteraġixxi mas-sinjal kif irreġistrat b'tali mod li ma jkunx jista' jibqa' jiġi pperċepit b'mod indipendenti jibdel il-karattru distintiv tiegħu. Dan ikun il-każ kemm meta s-sinjal kif irreġistrat ikun ta' karattru distintiv medju jew ta' karattru distintiv baxx.

**Alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat (Klassi 25)**

| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat |
|---|---|
|  |  |

**L-ebda alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat (Klassi 25)**

| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat |
|---|---|
| GERIVAN |  GERIVAN |

### Żieda ta' Elementi Mhux Distintivi u/jew Elementi ta' Karattru Distintiv Baxx

B'mod ġenerali, jekk is-sinjal kif irreġistrat ikun ta' karattru distintiv medju, iż-żieda ta' elementi mhux distintivi jew elementi ta' karattru distintiv baxx ma tibdilx il-karattru distintiv tiegħu, irrispettivament minn jekk dawn l-elementi ikunux viżwalment dominanti jew le.

**L-ebda alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat (Klassi 25)**

| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat |
|---|---|
| GERIVAN | GERIVAN |

**L-ebda alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat (Klassi 3)**

| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat |
|---|---|
| GERIVAN | BIO GERIVAN |

Meta s-sinjal kif irreġistrat ikun ta' karattru distintiv baxx, alterazzjoni tal-karattru distintiv tiegħu hija iktar probabbli, anke jekk din iż-żieda tikkonċerna element ta' karattru distintiv baxx.

**Alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat (Klassi 31)**

| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat |
|---|---|
| FLAVOUR AND AROMA | BAA-naa-NAA FLAVOUR AND AROMA |

## OMMISSJONIJIET

***Is-sinjal kif irreġistrat ikun kkunsidrat bħala unità waħda. Meta element preżenti fis-sinjal kif irreġistrat ikun nieqes fis-sinjal użat, dan jikkostitwixxi ommissjoni.***

### L-Ommissjoni ta' Elementi Distintivi

L-elementi distintivi kollha tas-sinjal kif irreġistrat jikkontribwixxu għall-karattru distintiv tiegħu. Għaldaqstant, l-ommissjoni ta' wieħed minn dawk l-elementi fis-sinjal kif użat x'aktarx tbiddel il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat, sakemm l-elementi li jitħallew barra ma jiġux injorati mill-konsumatur minħabba d-daqs żgħir u/jew il-pożizzjoni tagħhom.

**Alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat (Klassi 25)**

| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat |
|---|---|
| GERIVAN BUBBLEKAT | BUBBLEKAT |

**L-ebda alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat (Klassi 25)**

| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat |
|---|---|
| GERIVAN Bubblekat | GERIVAN |

### L-Ommissjoni ta' Elementi Mhux Distintivi u/jew Elementi ta' Karattru Distintiv Baxx

Jekk is-sinjal kif irreġistrat ikun ta' karattru distintiv medju, l-ommissjoni ta' element mhux distintiv fis-sinjal kif użat x'aktarx ma tbiddilx il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. Dan jista' jkun ukoll ġeneralment il-każ fejn l-element li tħalla barra jkun ta' karattru distintiv baxx.

**L-ebda alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat (Klassi 3)**

| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat |
|---|---|
| BIO GERIVAN | GERIVAN |

**L-ebda alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat (Klassi 25)**

| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat |
|---|---|
| GERIVAN | GERIVAN |

Madankollu, ma jistax jiġi eskluż li l-ommissjoni ta' element ta' karattru distintiv baxx tista' tirriżulta f'eżitu differenti, b'mod partikolari jekk l-element li tħalla barra jkun viżwalment dominanti jew jinteraġixxi ma' elementi oħra.

**Alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat (Klassi 30)**

| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat |
|---|---|
| GERIVAN AROMA | GERIVAN |

Jekk is-sinjal kif irreġistrat ikun kompost esklużivament minn elementi ta' karattru distintiv baxx u/jew minn elementi mhux distintivi, li l-kombinazzjoni tagħhom twassal biex is-sinjal b'mod sħiħ ikun reġistrabbli, l-ommissjoni ta' wieħed jew aktar minn dawn l-elementi b'mod ġenerali tibdel il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat.

**Alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat (Klassi 31)**

| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat |
|---|---|
| BIO | BIO |

## MODIFIKA TAL-KARATTERISTIĊI (eż. it-tipa, id-daqs, il-kulur, il-pożizzjoni)

### Marki ta' Kelma

Fil-prinċipju, ir-rappreżentazzjoni speċifika tal-marka ta' kelma, bħar-rappreżentazzjoni tagħha f'tipa, stilizzazzjoni, daqs, kuluri, jew pożizzjoni partikolari, ma tibdilx il-karattru distintiv tal-marka tal-kelma kif irreġistrata sakemm din il-kelma tibqa' identifikabbli bħala tali fil-forma użata.

Meta l-marka tal-kelma ma tibqax aktar identifikabbli, għandu jinbidel il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. Dan huwa wkoll il-każ fejn is-sinjal kif irreġistrat ikun ta' karattru distintiv baxx.

**L-ebda alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat (Klassi 25)**

| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat |
|---|---|
| GERIVAN | GERIVAN |

**L-ebda alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat (Klassi 25)**

| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat |
|---|---|
| GERIVAN | GERIVAN |

**Alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat (Klassi 25)**

| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat |
|---|---|
| GERIVAN | GERIVAN |

### Marki Purament Figurattivi

Fil-każ ta' marki purament figurattivi, il-karattru distintiv jirriżulta mill-elementi figurattivi f'rappreżentazzjoni partikolari. Għaldaqstant, il-modifika tar-rappreżentazzjoni x'aktarx li tibdel il-karattru distintiv, sakemm ma tikkonċernax karatteristiċi li ma jkunux kontributuri essenzjali għall-karattru distintiv tas-sinjal. Fil-każ ta' marki purament figurattivi ta' karattru distintiv baxx, anki l-modifiki żgħar fil-marka jistgħu jwasslu għal alterazzjoni tal-karattru distintiv tagħha.

**L-ebda alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat (Klassi 9)**

| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat |
|---|---|
|  |  |

**Alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat (Klassi 31)**

| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat |
|---|---|
|  |  |

### Marki Komposti

B'mod ġenerali, aktar ma l-element jikkontribwixxi għall-karattru distintiv, aktar ikun probabbli li modifika ta' tali element tibdel il-karattru distintiv tas-sinjal.

Fil-każijiet fejn il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat jirriżulta essenzjalment mill-:

- elementi verbali tiegħu - l-użu ta' dawn l-elementi b'tipa, kulur jew daqs differenti normalment ma jbiddilx il-karattru distintiv, sakemm id-differenzi ma jkunux daqshekk sinifikanti li jkollhom impatt fuq l-impressjoni ġenerali tas-sinjal kif irreġistrat.

| L-ebda alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat (Klassi 25) | |
|---|---|
| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat |
|  |  |

| Alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat (Klassi 25) | |
|---|---|
| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat |
|  |  |

- elementi figurattivi - il-modifiki tar-rappreżentazzjoni ta' dawn l-elementi x'aktarx li aktar ibiddlu l-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat, sakemm ma jikkonċernawx karatteristiċi li mhumiex kontributuri essenzjali għall-karattru distintiv tas-sinjal.

| L-ebda alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat (Klassi 25) | |
|---|---|
| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat |
|  Best quality! | Best quality!  |

| Alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat (Klassi 25) | |
|---|---|
| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat |
|  Best quality! |  |

- il-kombinazzjoni tal-elementi verbali u figurattivi - dawn l-elementi jridu jiġu rispettati;

  meta l-arranġament ta' dawn l-elementi jikkontribwixxi għall-karattru distintiv, il-bidla ta' tali arranġament tista' tibdel il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat.

| Alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat (Klassi 25) | |
|---|---|
| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat |
|  | BUBBLEKAT |

### KOMBINAZZJONI TA’ BIDLIET

Fil-prattika, tipi differenti ta’ bidliet jistgħu jiġu kkombinati fis-sinjal kif użat.

B’mod ġenerali, fejn il-bidliet jikkonċernaw kombinazzjoni ta’ żieda, ommissjoni jew modifiki tal-karatteristiċi, **japplikaw il-prinċipji rispettivi tal-Prattika Komuni**.

Għandu jiġi vvalutat jekk kwalunkwe bidla waħidha twassalx għall-alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat waqt li l-bqija tal-bidliet ma jkollhom l-ebda impatt deċiżiv. Jekk le, irid jiġi vvalutat l-effett tal-kombinazzjoni tal-bidliet kollha.

**L-ebda alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat (Klassi 33)**

| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat |
|---|---|
|   |   |

**Alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat (Klassi 25)**

| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat |
|---|---|
|   |   |

## 3. IMPLIMENTAZZJONI

Kif kien il-każ fir-rigward ta’ prattiki komuni preċedenti, din il-Prattika Komuni għandha tidħol fis-seħħ fi żmien tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta’ din il-Komunikazzjoni Komuni. Iktar dettalji dwar l-implimentazzjoni ta’ din il-Prattika Komuni huma disponibbli fit-tabella t’hawn taħt.

L-uffiċċji ta’ implimentazzjoni jistgħu jagħżlu li jippubblikaw informazzjoni addizzjonali fuq is-siti web tagħhom.

LINK GĦAT-TABELLA

EUIPN
EUROPEAN UNION
INTELLECTUAL PROPERTY NETWORK

www.euipn.org

MT

# PRATTIKA KOMUNI

# L-UŻU TA' TRADEMARK F'FORMA DIFFERENTI MINN DIK IRREĠISTRATA

OTTUBRU 2020

**CP8: L-UŻU TA’ TRADEMARK F’FORMA DIFFERENTI MINN DIK IRREĠISTRATA**


**1 Introduzzjoni ..... 1**

1.1 Objettiv ta’ dan id-dokument ..... 1

1.2 Sfond ..... 1

1.3 Kamp ta’ applikazzjoni tal-Prattika ..... 3

**2 Każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ..... 4**

**3 Użu simultanju ta’ diversi sinjali ..... 5**

**4 Prinċipji tal-Prattika Komuni ..... 7**

4.1 Kunċetti Ewlenin ..... 7

4.1.1 K Distintivita’ ..... 7

4.1.2 Dominanza Viżwali ..... 7

4.1.3 Interazzjonijiet ..... 8

4.2 Passi ta’ valutazzjoni ..... 8

4.2.1 Pass 1: Valutazzjoni tas-Sinjal kif Irreġistrat ..... 8

4.2.2 Pass Nru 2: Valutazzjoni tad-Differenzi fis-Sinjal kif Użat u l-Effett tal-Bidliet ..... 8

4.3 Żidiet ..... 9

4.3.1 Żieda ta’ Elementi Distintivi ..... 9

4.3.2 Żieda ta’ Elementi Mhux Distintivi u/jew Elementi ta’ Karattru Distintiv Baxx ..... 10

4.4 Ommissjonijiet ..... 12

4.4.1 L-Ommissjoni ta’ Elementi Distintivi ..... 12

4.4.2 L-Ommissjoni ta’ Elementi Mhux Distintivi u/jew Elementi ta’ Karattru Distintiv Baxx ..... 14

4.5 Modifika tal-Karatteristiċi (eż. it-tipa, id-daqs, il-kuluri, il-pożizzjoni) ..... 16

4.5.1 Marki ta’ Kelma ..... 16

4.5.2 Marki Purament Figurattivi ..... 18

4.5.3 Marki Komposti ..... 20

4.6 Kombinazzjoni ta’ bidliet ..... 24

# 1 Introduzzjoni

## 1.1 Objettiv ta' dan id-dokument

Dan id-dokument ta' Prattika Komuni għandu l-għan li jidentifika l-prinċipji ġenerali għall-valutazzjoni meta l-użu ta' trademark f'forma differenti minn dik irreġistrata jibdel il-karattru distintiv tagħha u jipprovdi gwida f'dan ir-rigward. Dan iservi ta' referenza għall-EUIPO, l-Uffiċċju tal-Benelux għall-Proprjetà Intellettwali, u l-Uffiċċji tal-Proprjetà Intellettwali tal-Istati Membri (minn hawn' il quddiem imsejħa b'mod kollettiv "SM IPOs"), l-Assoċjazzjonijiet tal-Utenti, il-partijiet u r-rappreżentanti dwar il-Prattika Komuni ta' CP8.

Dan ser ikun disponibbli b'mod wiesa' u ser ikun aċċessibbli faċilment, filwaqt li jipprovdi spjegazzjoni komprensiva tal-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-Prattika Komuni l-ġdida. Dawn il-prinċipji huma mfassla biex ikunu applikati b'mod ġenerali, u għandhom l-għan li jkopru l-maġġoranza l-kbira tal-każijiet. Għalkemm alterazzjonijiet tal-karattru distintiv dejjem se jiġu vvalutati fuq bażi ta' każ b'każ, il-prinċipji jservu ta' gwida sabiex jiġi ffaċilitat, li l-SM IPOs differenti jaslu għal eżitu prevedibbli u simili meta jiġi vvalutat l-użu ta' sinjali f'forom differenti minn dawk irreġistrati.

Barra minn hekk, l-eżempji miżjuda għal dan id-dokument għandhom l-għan li juru l-prinċipji tal-Prattika Komuni. Dawn l-eżempji għandhom jitqiesu b'rabta mar-raġunament tagħhom u abbażi tas-suppożizzjonijiet li fuqhom jistrieħu.

## 1.2 Sfond

### Kooperazzjoni Ewropea

F'Diċembru 2015, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw il-pakkett ta' riformi tat-trademarks tal-UE. Il-pakkett kien fih żewġ strumenti leġiżlattivi, jiġifieri r-Regolament (UE) Nru 2017/1001 (EUTMR) u d-Direttiva (UE) Nru 2015/2436 (EUTMD), li għandhom l-għan li japprossimaw ulterjorment il-liġijiet tal-Istati Membri relatati mat-trademarks. Flimkien ma' dispożizzjonijiet ġodda dwar kwistjonijiet sostantivi u proċedurali, it-testi stabbilixxew bażi ġuridika aktar b'saħħitha għal ħidma kooperattiva. Skont it-termini tal-Artikolu 151 tal-EUTMR, kooperazzjoni mal-SM IPOs biex tiġi promossa l-konverġenza ta' prattiċi u għodod fl-oqsma tat-trademarks u d-disinji saret kompitu ewlieni għall-EUIPO; l-Artikolu 152 tal-EUTMR jindika b'mod espliċitu li din il-kooperazzjoni għandha tinkludi l-iżvilupp ta' standards ta' eżaminazzjoni komuni u l-istabbiliment ta' prattiċi komuni.

Madankollu, l-SM IPOs u l-Assoċjazzjonijiet tal-Utenti kienu qed jikkooperaw b'mod attiv mill-ħolqien tan-Network tat-Trademarks u tad-Disinji tal-Unjoni Ewropea (EUTMDN) fl-2011, u kienu diġà pproduċew riżultati konkreti f'termini ta' trasparenza u effiċjenza akbar. Taħt l-umbrella tal-konverġenza, dawn kienu qed jaħdmu flimkien biex jindirizzaw kwistjonijiet ewlenin fil-prattika tat-trademarks u tad-disinji, billi jarmonizzaw, l-ewwel nett, l-istandards ta' eżaminazzjoni fil-qasam tal-klassifikazzjoni tat-trademarks, u sussegwentement jinfirxu fl-oqsma ta' raġunijiet assoluti, raġunijiet u disinji relattivi. Dawn l-isforzi kollaborattivi pproduċew żewġ bażijiet ta' *data* ta' klassifikazzjoni armonizzati — il-bażi ta' *data* armonizzata ta' Prodotti u Servizzi għal trademarks u l-bażi ta' *data* armonizzata ta' Indikazzjonijiet tal-Prodott għal disinji — u ħames Prattikċ Komuni:

- Prattika Komuni dwar l-indikazzjonijiet ġenerali tal-intestaturi tal-klassijiet ta' Nizza;
- Prattika Komuni dwar id-distintività tal-marki figurattivi li fihom kliem deskrittivi/mhux distintivi;
- Prattika Komuni dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni ta' marki suwed u bojod;
- Prattika Komuni dwar l-impatt ta' komponenti ta' marki mhux distintivi/dgħajfa fl-eżaminazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni;
- Prattika Komuni dwar ir-rappreżentazzjoni grafika tad-disinji.

Permezz tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tiegħu li jikkodifikaw il-kooperazzjoni u l-konverġenza tal-prattiċi fid-Dritt tal-UE, il-pakkett ta' riforma dwar it-trademarks saħħaħ il-kisbiet ta' dawn l-inizjattivi ta' armonizzazzjoni u pprovda mandat ċar għal aktar progress.

Abbażi ta' dan il-qafas leġiżlattiv, f'Ġunju 2016, il-Bord tat-Tmexxija (MB) tal-EUIPO qabel dwar it-tnedija tal-Proġetti ta' Kooperazzjoni Ewropej. Filwaqt li ssir riflessjoni tal-attivitajiet differenti pprovduti fl-EUTMR, il-proġetti tfasslu biex jibnu fuq is-suċċessi tal-passat filwaqt li fl-istess ħin itejbu l-proċessi u jestendu l-firxa tal-kollaborazzjoni.

Fil-qasam tal-konverġenza, dan kien jinkludi proġett iddedikat speċifikament għall-identifikazzjoni u l-analiżi ta' inizjattivi ġodda potenzjali ta' armonizzazzjoni. Il-proġett analizza l-prattiċi tat-trademarks u tad-disinji tal-SM IPOs sabiex jiġu identifikati oqsma fejn kienet teżisti diverġenza u, permezz ta' evalwazzjoni tal-impatt probabbli, tal-fattibbiltà tal-kamp ta' applikazzjoni possibbli, tar-restrizzjonijiet legali eżistenti, tal-livelli ta' interess fost l-utenti u tal-prattiċità għall-SM IPOs, jiddetermina dawk l-oqsma fejn Prattika Komuni tkun tal-aktar benefiċċju għall-partijiet ikkonċernati tan-Network. L-analiżi twettqet f'ċikli, b'kull ċiklu jirriżulta fir-rakkomandazzjoni għat-tnedija ta' proġett ta' konverġenza ġdid.

Il-Prattika Komuni deskritta f'dan id-dokument hija relatata mal-ewwel proġett ta' konverġenza mniedi mill-MB, u t-tmien wieħed kumplessivament. "CP8: *L-użu ta' trademark f'forma differenti minn dik irreġistrata*" kien wieħed minn żewġ proġetti rrakkomandati għat-tnedija bħala riżultat taċ-ċiklu ta' ftuħ tal-analiżi ta' konverġenza, li kienet iċċentrata fuq ir-Riforma Legali u l-impatt tad-dispożizzjonijiet ġodda introdotti mill-EUTMD.

**CP8: L-użu ta' trademark f'forma differenti minn dik irreġistrata**

L-analiżi ta' konverġenza ta' dan is-suġġett kixfet diverġenzi sinifikanti bejn il-prattiċi tal-SM IPOs b'rabta mal-valutazzjoni tal-użu ġenwin meta tintuża trademark f'forma li tkun differenti minn dik irreġistrata.

Dik li kienet id-Direttiva 2008/95/KE dwar it-Trademarks ma kinitx tinkludi obbligu li l-SM IPOs jipprovdu proċedimenti ta' oppożizzjoni jew ta' kanċellazzjoni, u lanqas ma pprevediet b'mod espliċitu n-nuqqas ta' użu bħala difiża fit-tali proċedimenti. Qabel id-dħul fis-seħħ tal-EUTMD, 15-il SM IPOs biss ivvalutaw użu ġenwin, filwaqt li l-maġġoranza tagħhom kienet fil-kuntest ta' proċedimenti ta' revoka jew ta' invalidità.

Barra minn hekk, l-SM IPOs li jipprovdu tali valutazzjoni ħarġu deċiżjonijiet diverġenti rigward il-grad li fih sid it-trademark jista' jagħmel varjazzjonijiet mingħajr ma jbiddel il-karattru distintiv tagħha.

Prattiċi diverġenti bħal dawn ħolqu inċertezza fost l-utenti li jfittxu li jipproteġu d-drittijiet tagħhom f'ġurisdizzjonijiet differenti, u rriżultaw fi spejjeż akbar hekk kif ippruvaw jadattaw l-istrateġiji tagħhom għal prattiċi ta' eżaminazzjoni li jvarjaw, u spiss huma kunfliġġenti. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' prattika unifikata dwar is-suġġett ħalliet lis-sistema tal-IP tal-UE maqtugħa mir-realtajiet kontemporanji tas-suq, fejn is-sidien tat-trademarks qed jadattaw b'mod kostanti t-trademarks tagħhom biex iwieġbu għax-xejriet tas-suq li qed jevolvu.

L-adozzjoni tal-EUTMD il-ġdida kellha impatt importanti fuq il-prattiċi f'dan il-qasam. L-Artikolu 43 tal-EUTMD introduċa l-obbligu għall-Istati Membri kollha li jipprevedu proċedimenti ta' oppożizzjoni amministrattiva quddiem l-uffiċċji tagħhom sal-14 ta' Jannar 2019, u l-Artikolu 44 tal-EUTMD għamilha obbligatorja li jsir provvediment għal nuqqas ta' użu bħala difiża fi proċedimenti ta' oppożizzjoni. L-Artikolu 45 tal-EUTMD introduċa l-obbligu għall-Istati Membri kollha biex jipprevedu proċedimenti amministrattivi quddiem l-uffiċċji tagħhom għal revoka, abbażi ta' nuqqas ta' użu ġenwin, u invalidità sal-14 ta' Jannar 2023, u l-Artikolu 46 tal-EUTMD għamilha obbligatorja li jsir provvediment għal nuqqas ta' użu bħala difiża fi proċedimenti li jitolbu dikjarazzjoni ta' invalidità. Filwaqt li dawn id-dispożizzjonijiet ġodda kkontribwixxew b'mod sinifikanti għal aktar ċertezza legali billi ġew imposti proċeduri aktar uniformi, id-dħul fis-seħħ tagħhom li ġej kien ifisser li, fiż-żmien tal-analiżi ta' konverġenza, kważi nofs l-SM IPOs kienu qed jiffaċċjaw il-kompitu li jinkorporaw proċedimenti ġodda u/jew valutazzjonijiet fil-prattiċi ta' eżaminazzjoni tagħhom.

Barra minn hekk, jistgħu jippersistu diskrepanzi fil-prattika li kienu ġew identifikati minn qabel fost l-SM IPOs li jivvalutaw l-użu ġenwin. Kemm l-Artikolu 16(5)(a) tal-EUTMD kif ukoll l-Artikolu 18(1)(a) tal-EUTMR jistipulaw li: "l-użu ta' trademark f'forma li tvarja f'elementi li ma jibdlux in-natura distintiva tal-marka fl-għamla li fiha tkun ġiet irreġistrata jikkostitwixxi wkoll użu." Il-formulazzjoni ta' dawn l-Artikoli, li hija l-istess bħal fid-Direttiva preċedenti, tħalli l-kunċett ta' "forma li tvarja f'elementi li ma jibdlux in-natura distintiva" miftuħ għall-interpretazzjoni. Peress li dan jista' jkun — u kien — interpretat b'mod differenti skont it-tip ta' trademark (kelma, figurattiva, komposta) u/jew skont in-natura tal-bidliet (żieda, ommissjoni, varjazzjoni fil-kulur, pożizzjoni, eċċ.), il-valutazzjoni baqgħet suxxettibbli għal teħid ta' deċiżjonijiet fil-parti l-kbira suġġettiv.

Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, l-analiżi ta' konverġenza ddeterminat li t-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq fil-liġijiet nazzjonali, u ż-żieda sussegwenti fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-użu ġenwin, għamlu dan is-suġġett prijorità għall-konverġenza. Din identifikat il-ħtieġa li tiġi armonizzata l-prattika ta' dawk l-SM IPOs li diġà vvalutaw il-prova tal-użu u ħolqu prattika allinjata għal dawk l-SM IPOs li se jibdew jivvalutaw l-użu ġenwin.

F'dan ir-rigward, il-proġett CP8 tnieda f'Ottubru 2017 bl-objettiv li jiġi stabbilit sett ta' kriterji u prinċipji komuni għall-valutazzjoni meta l-bidliet fis-sinjal kif użat jwasslu għal alterazzjoni fil-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat, u meta ma jagħmlux hekk.

## 1.3 Kamp ta' applikazzjoni tal-Prattika

Din il-Prattika Komuni twassal sett ta' prinċipji u eżempji dwar l-użu ta' trademark f'forma li hija differenti minn dik irreġistrata billi tieħu kont ta' l-impatt ta' żidiet, ommissjonijiet, u modifiki tal-karatteristiċi dwar il-karattru distintiv ta' marki ta' kelma, marki purament figurattivi u marki komposti rreġistrati (kombinazzjoni ta' elementi verbali u figurattivi).

Il-kwistjonijiet li ġejjin huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Prattika Komuni:

- Tipi ta' marki li mhumiex marki ta' kelma, marki purament figurattivi u marki komposti, b'mod partikolari, marki ta' forma, marki ta' pożizzjoni, marki ta' disinji, marki ta' kulur u marki oħra mhux tradizzjonali.
- Deskrizzjonijiet, talbiet ta' kulur u dikjarazzjonijiet ta' ċaħda ta' responsabbiltà. Għalkemm jista' jkollhom impatt fuq il-valutazzjoni, dawn ma jitqisux għall-iskop ta' din il-Prattika Komuni peress li s-sinjali jiġu vvalutati fuq il-bażi tar-rappreżentazzjonijiet murija fl-eżempji pprovduti.
- Il-karattru distintiv imsaħħaħ permezz tal-użu (reputazzjoni, karattru magħruf sew) u l-impatt tiegħu fuq il-valutazzjoni.
- Id-definizzjoni ta' użu ġenwin u l-metodoloġija tal-SM IPOs fl-eżaminazzjoni tiegħu.
- Definizzjoni ta' fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġi vvalutat l-użu ġenwin (jiġifieri l-post, il-ħin u l-firxa tal-użu).
- Mezzi ta' evidenza li għandha tiġi infilzati sabiex jiġi ppruvat l-użu ġenwin ta' sinjal (eż. katalgi, fatturi, listi ta' prezzijiet jew stħarriġ). Ir-raġunament ipprovdut bl-eżempji kollha huwa bbażat fuq is-suppożizzjoni li r-rappreżentazzjoni tas-sinjal kif użat f'dawn l-eżempji hija l-uniku mezz/mod ta' użu ppreżentat fl-evidenza ta' sostenn ([1]).
- Aspetti proċedurali relatati mal-oppożizzjoni, ir-revoka u/jew l-invalidità.
- Deskrizzjoni ta' restrizzjonijiet legali li jipprevjenu l-implimentazzjonijiet b'mod partikolari SM IPOs.
- Il-kwistjonijiet lingwistiċi (l-eżempji kollha huma bl-Ingliż, u wieħed għandu jassumi li se jinftiehmu mill-pubbliku rilevanti).

## 2 Każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Skont l-Artikolu 16(5)(a) tal-EUTMD, l-użu ta' trademark f'forma li hija differenti f'elementi li ma jibdlux il-karattru distintiv tal-marka fil-forma li fiha ġiet irreġistrata wkoll jikkostitwixxi użu ġenwin, irrispettivament minn jekk it-trademark fil-forma użata tkunx ukoll irreġistrata jew le f'isem il-proprjetarju.

Kif ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-Qorti tal-Ġustizzja), l-għan ta' din id-dispożizzjoni huwa li tiġi evitata l-impożizzjoni ta' rekwiżit ta' konformità stretta bejn il-forma li fiha tintuża t-trademark fil-kummerċ u l-forma li fiha ġiet irreġistrata t-trademark, li tippermetti lill-proprjetarju ta' trademark, fil-kuntest tal-isfruttament kummerċjali tas-sinjal, li jagħmel varjazzjonijiet fis-sinjal li, mingħajr ma jibdel il-karattru distintiv tiegħu, jippermetti li jiġi adattat aħjar għar-rekwiżiti ta' tqegħid fis-suq u ta' promozzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi kkonċernati (23/02/2006, T-194/03, Bainbridge, EU:T:2006:65, § 50; 18/07/2013, C-252/12, Specsavers, EU:C:2013:497, § 29). Għalhekk, mhuwiex neċessarju li jiġi kkonstatat li s-sinjal użat f'konformità stretta mas-sinjal kif irreġistrat u ċerta flessibbiltà hija permessa sakemm il-varjazzjonijiet tas-sinjal kif irreġistrat ma jibdlux il-karattru distintiv tiegħu. Dan irid jiġi vvalutat fuq bażi ta' każ b'każ.

Il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet ukoll li l-obbligu li tintuża t-trademark li ġiet irreġistrata jista' jiġi ssodisfat billi tiġi prodotta l-prova tal-użu tas-sinjal li jikkostitwixxi l-forma li fiha jintuża fil-

([1]) Il-valutazzjoni dwar jekk is-sinjal kif użat jikkostitwixxix varjazzjoni aċċettabbli tal-forma rreġistrata tiegħu trid tkun ibbażata fuq l-evidenza pprovduta mill-partijiet fil-każ partikolari.

kummerċ, fejn is-sinjal użat fil-kummerċ ikun differenti mill-forma li fiha ġie rreġistrat biss f'aspetti insinifikanti, b'tali mod li għaldaqstant iż-żewġ sinjali jistgħu jitqiesu li huma ġeneralment ekwivalenti (10/12/2015, T-690/14, Vieta, EU:T:2015:950, § 31; 12/03/2014, T-381/12, Palma Mulata, EU:T:2014:119, § 26; 10/06/2010, T-482/08, Atlas Transport, EU:T:2010:229, § 30).

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja saħqet ukoll li l-konstatazzjoni li l-karattru distintiv ta' marka kif irreġistrata nbidel, teħtieġ evalwazzjoni tal-karattru distintiv u dominanti tal-elementi miżjuda, imwettqa fuq il-bażi tal-kwalitajiet intrinsiċi ta' kull wieħed minn dawk l-elementi, kif ukoll tal-pożizzjoni relattiva tad-diversi elementi li jaqgħu taħt l-arranġament tal-marka (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15/07/2015, T-215/13, LAMBDA (λ), EU:T:2015:518, § 28; 24/11/2005, T-135/04, Online Bus, EU:T:2005:419, § 36, 40; 10/06/2010, T-482/08, Atlas Transport, EU:T:2010:229, § 31).

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kwalitajiet intrinsiċi u, b'mod partikolari, il-karattru distintiv ikbar jew inferjuri tal-marka (irreġistrata) preċedenti użata biss bħala parti minn trademark kumplessa jew b'mod konġunt ma' marka oħra. Iktar ma l-karattru distintiv ikun żgħir, iktar ikun faċli li jinbidel billi jiżdied komponent li fih innifsu jkun distintiv, u iktar tista' titlef il-kapaċità tagħha l-marka li tiġi pperċepita bħala indikazzjoni tal-oriġini tal-prodotti u tas-servizzi li jaqgħu taħt is-sinjal użat. L-oppost japplika wkoll (13/09/2016, T-146/15, DARSTELLUNG EINES VIELECKS (fig.), EU:T:2016:469, § 29).

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-kundizzjoni tal-użu ġenwin ta' trademark irreġistrata tista' tiġi sodisfata meta trademark irreġistrata tintuża flimkien ma' jew bħala parti minn marka oħra, sakemm id-differenzi li jirriżultaw mill-forma li fiha tintuża il-marka ma jibdlux il-karattru distintiv tat-trademark kif irreġistrata (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18/07/2013, C-252/12, Specsavers, EU:C:2013:497, § 31; 18/04/2013, C-12/12, Colloseum Holding, EU:C:2013:253, § 36).

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għal sitwazzjonijiet fejn diversi sinjali huma użati simultanjament b'mod awtonomu u għalhekk, is-sinjal kif irreġistrat huwa pperċepit b'mod indipendenti f'dik il-kombinazzjoni. Is-sitwazzjoni mhijiex, f'dan il-każ, li s-sinjal irreġistrat jintuża f'forma differenti minn dik li fiha ġie rreġistrat, iżda li diversi sinjali jintużaw simultanjament (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-08/12/2005, T-29/04, Cristal Castellblanch, EU:T:2005:438, § 33, 34; 06/11/2014, T-463/12, MB, EU:T:2014:935, § 43;).

## 3 Użu simultanju ta' diversi sinjali

Fid-dawl tal-każistika msemmija hawn fuq dwar sinjali li jintużaw simultanjament u qabel ma jiġu eżaminati l-prinċipji tal-Prattika Komuni, dawn li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati.

Is-sinjali spiss jintużaw flimkien ma' sinjali oħra fil-kummerċ (eż. biex jindikaw subditta u/jew housemark jew flimkien ma' isem ta' kumpanija). Dan l-użu ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' "bidla tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat". Meta diversi sinjali jintużaw flimkien iżda jibqgħu indipendenti minn xulxin u jwettqu l-funzjoni distintiva tagħhom bħala sinjali separati, il-kwistjoni dwar jekk il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat inbidilx lanqas biss tinqala'.

Jekk is-sinjali humiex ser jiġu pperċepiti b’mod indipendenti jew bħala li jifformaw parti mill-istess sinjal irid jiġi ddeterminat fuq il-bażi ta’ valutazzjoni globali, b’kont meħud ta’ diversi fatturi, bħal:

- il-karatteristiċi tas-sinjali nfushom (elementi dominanti u distintivi; il-pożizzjoni rispettiva tagħhom; l-użu f’daqs, tipa jew kulur differenti; il-preżenza jew in-nuqqas ta’ konnessjonijiet sintattiċi jew grammatikali, eċċ.);

- il-mod kif is-sinjali huma ppreżentati f’evidenza tal-użu u l-kuntest tal-użu (is-settur tan-negozju kkonċernat, in-natura tas-sinjali, jiġifieri l-ismijiet tal-kumpaniji, il-housemarks, l-identifikaturi tal-linja tal-prodott, is-subditti, eċċ.);

- evidenza speċifika li tista’ tistabbilixxi li s-sinjali huma pperċepiti b’mod indipendenti mill-konsumaturi.

Eżempji:

| **Użu simultanju ta’ diversi sinjali** | | | |
|---|---|---|---|
| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat | Prodotti u servizzi | Raġunament |
|  |  | Klassi 33: Inbid | Is-sinjal irreġistrat huwa użat flimkien ma’ sinjal distintiv ieħor li jindika l-isem tal-fabbrika tal-inbid — Bubblekat Winery. Fis-settur tal-inbid, huwa komuni li jintuża l-isem tal-prodott u l-isem tal-fabbrika tal-inbid flimkien fuq it-tikketta. Is-sinjal kif irreġistrat se jiġi pperċepit b’mod indipendenti fis-sinjal kif użat. |
| GERIVAN | GERIVAN by BUBBLEKAT Ltd. | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Is-sinjal kif irreġistrat, GERIVAN, jintuża flimkien ma’ isem ta’ kumpanija, BUBBLEKAT Ltd. Is-sinjal kif irreġistrat se jiġi pperċepit b’mod indipendenti fis-sinjal kif użat. |
| MAPALVAM |  | Klassi 5: Preparazzjonijiet farmaċewtiċi | Is-sinjal kif irreġistrat, MAPALVAM jintuża flimkien ma’ sinjal distintiv ieħor, jiġifieri l-housemark. Fis-settur farmaċewtiku huwa komuni li l-isem tal-prodott jidher flimkien mal-housemark. Is-sinjal irreġistrat se jiġi pperċepit b’mod indipendenti fis-sinjal kif użat. |

# 4 Prinċipji tal-Prattika Komuni

Dan il-kapitolu jintroduċi t-tipi ta' modifiki li jistgħu jseħħu fis-sinjal meta jintuża f'forma differenti minn dik irreġistrata, jiġifieri meta jiżdiedu, jitħallew barra, jiġu mmodifikati elementi jew meta dawn il-bidliet jidhru flimkien.

Għall-valutazzjoni ta' dawn il-bidliet, u jekk jikkostitwixxux alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat, jeħtieġ li jiġu applikati ċerti prinċipji. Dawn il-prinċipji huma stabbiliti hawn taħt flimkien ma' kunċetti u passi ta' valutazzjoni ewlenin.

## 4.1 Kunċetti Ewlenin

Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni armonizzata u konsistenti tal-prinċipji tal-Prattika Komuni, huwa meħtieġ li jkun hemm fehim komuni ta' ċerti kunċetti ewlenin, li huma importanti biex jiġi vvalutat jekk il-varjazzjonijiet tas-sinjal kif irreġistrat jibdlux il-karattru distintiv tiegħu.

### 4.1.1 K Distintivita'

Skont każistika stabbilita, il-karattru distintiv ta' trademark ifisser li s-sinjal iservi biex jiġu identifikati l-prodotti u/jew is-servizzi li għalihom it-trademark hija rreġistrata bħala li toriġina minn impriża partikolari, u għalhekk li dawk il-prodotti u/jew is-servizzi jiġu distinti minn dawk ta' impriżi oħra ([2]).

Il-karattru distintiv għandu jiġi evalwat b'referenza għall-prodotti jew is-servizzi rileventi u għall-perċezzjoni tas-sinjal mill-konsumatur.

Għandha ssir distinzjoni bejn (i) l-analiżi tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat b'mod sħiħ u, (ii) l-analiżi tal-karattru distintiv tal-elementi differenti tas-sinjal.

### 4.1.2 Dominanza Viżwali

Għall-fini ta' dan id-dokument, id-dominanza viżwali tirreferi għall-impatt viżwali tal-elementi ta' sinjal jiġifieri jekk element wieħed jispikkax viżwalment meta mqabbel ma' oħrajn fis-sinjal. Dan huwa primarjament determinat mill-pożizzjoni, id-daqs u/jew l-użu tal-kuluri tiegħu (sa fejn dawn jaffettwaw l-impatt viżwali tiegħu). F'dan il-kuntest, il-valutazzjoni tad-dominanza viżwali ma tapplikax għall-marki ta' kelma.

Jekk l-elementi x'aktarx li xi jiġu injorati mill-konsumatur minħabba d-daqs u/jew il-pożizzjoni tagħhom, dawn ma jkollhomx rwol fil-valutazzjoni.

---

([2]) Ara f'dan is-sens, is-sentenzi tad-29/04/2004, il-kawżi konġunti C-468/01 P sa C-472/01 P, Tabs (3D), EU:C:2004:259, § 32.

### 4.1.3 Interazzjonijiet

L-interazzjonijiet bejn l-elementi fis-sinjal jista' jkollhom rwol meta jiġi vvalutat jekk is-sinjal kif irreġistrat iżommx il-karattru distintiv tiegħu meta użat (3).

Elementi fi ħdan is-sinjal jinteraġixxu meta jkunu ppożizzjonati, ikkombinati jew interkonnessi sabiex jagħtu l-impressjoni ta' unità waħda. Tali impressjoni tista' tirriżulta wkoll minn interazzjoni kunċettwali meta tinħoloq unità kunċettwali (kunċett ġdid).

## 4.2 Passi ta' valutazzjoni

Fil-valutazzjoni dwar jekk is-sinjal kif użat jikkostitwixxix varjazzjoni aċċettabbli tal-forma tiegħu kif irreġistrat, għandhom jittieħdu l-passi li ġejjin:

Pass Nru 1: Jiġi vvalutat is-sinjal kif irreġistrat billi jitqiesu l-elementi distintivi u dominanti viżwalment tiegħu.

Pass Nru 2: Jiġu vvalutati d-differenzi fis-sinjal kif użat u l-effett tal-bidliet.

### 4.2.1 Pass 1: Valutazzjoni tas-Sinjal kif Irreġistrat

L-ewwel pass huwa li jiġi stabbilit liema elementi jikkontribwixxu għall-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat.

Fil-każ ta' sinjal li jikkonsisti minn element wieħed, huwa s-sinjal innifsu li jkollu karattru distintiv. Fil-każ ta' sinjal li jikkonsisti minn diversi elementi, din il-valutazzjoni teħtieġ analiżi tal-karattru distintiv u dominanti viżwalment tal-elementi tiegħu, ibbażata fuq il-kwalitajiet intrinsiċi ta' kull wieħed minnhom u l-pożizzjoni relattiva tagħhom fl-arranġament tas-sinjal, kif ukoll l-interazzjonijiet tagħhom (4).

### 4.2.2 Pass Nru 2: Valutazzjoni tad-Differenzi fis-Sinjal kif Użat u l-Effett tal-Bidliet

Ladarba dawk l-elementi li jikkontribwixxu għall-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat ikunu ġew identifikati u l-grad ta' distinzjoni tagħhom jiġi stabbilit, għandu jiġi stabbilit jekk humiex preżenti u/jew immodifikati fis-sinjal kif użat, fi tqabbil dirett (jiġifieri maġenb xulxin) taż-żewġ sinjali.

F'dan il-punt, għandha ssir valutazzjoni tal-elementi miżjuda, imħollija barra jew dawk immodifikati, abbażi tal-kwalitajiet intrinsiċi u l-pożizzjoni relattiva tal-elementi varji fl-arranġament tas-sinjal (5), u l-interazzjonijiet tagħhom. Għandha tiġi kkunsidrata wkoll l-impressjoni globali prodotta mis-sinjali.

---

(3) Ara f'dan is-sens, is-sentenza tal-15/07/2015, T-215/13, LAMBDA (λ), EU:T:2015:518, § 29.
(4) Ara f'dan is-sens, is-sentenza tal-24/11/2005, T-135/04, Online Bus, EU:T:2005:419, § 36.
(5) Ara f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15/07/2015, T-215/13, LAMBDA (λ), EU:T:2015:518, § 28; 21/11/2005, T-135/04, Online Bus, EU:T:2005:419 § 36.

EUIPN
EUROPEAN UNION
INTELLECTUAL PROPERTY NETWORK

Fir-rigward tal-effett tal-bidliet, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-grad ikbar jew inferjuri tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. B’mod ġenerali, is-sinjali ta’ grad medju ta’ karattru distintiv, se jkunu inqas influwenzati mill-bidliet. Għall-kuntrarju, sinjali ta’ karattru distintiv baxx (normalment sinjali li huma prinċipalment jew esklussivament komposti minn elementi ta’ karattru distintiv baxx) huma, b’mod ġenerali, aktar suxxettibbli għal alterazzjoni fil-karattru distintiv tagħhom ([6]).

## 4.3 Żidiet

Għall-fini ta’ dan id-dokument, meta jiżdied element mas-sinjal kif użat, u ma jitqiesx li huwa użu simultanju ta’ diversi sinjali, dan jikkostitwixxi żieda. L-impatt taż-żieda fir-rigward tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat għandu jiġi vvalutat.

### 4.3.1 Żieda ta’ Elementi Distintivi

Bħala prinċipju, iż-żieda ta’ element distintiv li jinteraġixxi mas-sinjal kif irreġistrat b’tali mod li ma jkunx jista’ jibqa’ jiġi pperċepit indipendentement jibdel il-karattru distintiv tiegħu. Dan ikun il-każ kemm meta s-sinjal kif irreġistrat ikun ta’ karattru distintiv medju kif ukoll meta jkun ta’ karattru distintiv baxx.

Eżempji:

| **Alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat** | | | |
|---|---|---|---|
| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat | Prodotti u servizzi | Raġunament |
|  |  | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Is-sinjal kif irreġistrat jintuża b’element figurattiv distintiv (ħuta kaħla) b’tali mod li unità waħda u kunċett ġdid huma maħluqa fis-sinjal kif użat (ħuta kbira li tiekol waħda żgħira). Tali bidla tbiddel il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |
| ICE | BREAKING THE ICE | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Is-sinjal kif irreġistrat huwa użat flimkien ma’ elementi verbali distintivi oħra. Dawn l-elementi jinteraġixxu b’tali mod li jinħoloq kunċett ġdid. Għalhekk, jinbidel il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |

([6]) Ara f’dan is-sens, is-sentenza tat-13/09/2016, T-146/15, DARSTELLUNG EINES VIELECKS (fig.), EU:T:2016:469, § 29.

| L-ebda alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat | | | |
|---|---|---|---|
| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat | Prodotti u servizzi | Raġunament |
| GERIVAN |  GERIVAN | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Jekk wieħed jassumi li dan mhuwiex ikkunsidrat bħala każ ta' użu ta' diversi sinjali simultanjament (ara l-kapitolu 3), l-element figurattiv miżjud ma jinteraġixxix mas-sinjal kif irreġistrat u huwa pperċepit b'mod indipendenti fis-sinjal kif użat. Għalhekk, ma jinbidilx il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |

## 4.3.2 Żieda ta' Elementi Mhux Distintivi u/jew Elementi ta' Karattru Distintiv Baxx

B'mod ġenerali, jekk is-sinjal kif irreġistrat ikun ta' karattru distintiv medju, iż-żieda ta' elementi mhux distintivi jew elementi ta' karattru distintiv baxx ma tibdilx il-karattru distintiv tiegħu ([7]), irrispettivament minn jekk dawn l-elementi ikunux viżwalment dominanti jew le.

Eżempji:

| L-ebda alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat | | | |
|---|---|---|---|
| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat | Prodotti u servizzi | Raġunament |
| GERIVAN | **SUPER GERIVAN**<br>SUPER**GERIVAN** | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben xedd ir-ras | GERIVAN jintuża b'element verbali mhux distintiv, SUPER, li tikkwalifika biss GERIVAN. L-element miżjud mhux distintiv ma jibdilx il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |
| GERIVAN | GERIVAN VISION | Klassi 5: Qtar tal-għajnejn mediċi | GERIVAN jintuża b'kelma deskrittiva, VISION. L-element miżjud mhux distintiv ma jibdilx il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |
| GERIVAN | **GERIVAN** | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | GERIVAN jintuża bi sfond ta' forma ġeometrika mhux distintiva. L-element miżjud mhux distintiv ma jibdilx il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |

([7]) Ara f'dan is-sens, is-sentenza tat-13/09/2016, T-146/15, DARSTELLUNG EINES VIELECKS (fig.), EU:T:2016:469, § 31.

| | | | |
|---|---|---|---|
| GERIVAN | WWW.GERIVAN.COM | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | GERIVAN jintuża b'indikatur ta' dominju mhux distintiv. L-elementi mhux distintivi miżjuda ma jibdlux il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat (8). |
| BUBBLEKAT | BUBBLEKAT<br>PARIS | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | BUBBLEKLAT jintuża b'terminu ġeografiku mhux distintiv, PARIS. L-element miżjud mhux distintiv ma jibdilx il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |
| GERIVAN |  | Klassi 25: Żraben | GERIVAN jintuża b'element figurattiv mhux distintiv li jirrappreżenta żraben, li, minkejja li huwa viżwalment dominanti, ma jibdilx il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |
| GERIVAN |  | Klassi 33: Inbid | GERIVAN jintuża fuq tikketta tal-inbid ta' karattru distintiv baxx, li huwa pjuttost standard. Tali żieda ma tibdilx il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |
| GERIVAN | BIO<br>GERIVAN | Klassi 3: Preparazzjonijiet tal-Ħasil | GERIVAN jintuża b'element verbali mhux distintiv, BIO, li, minkejja li huwa viżwalment dominanti, ma jibdilx il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |
|  | Everyday Clothing Concept<br> | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Iż-żieda ta' elementi ta' karattru distintiv baxx, EVERYDAY CLICTT, għalkemm viżwalment dominanti, ma tibdilx il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |

Meta s-sinjal kif irreġistrat ikollu karattru distintiv baxx, alterazzjoni tal-karattru distintiv tiegħu hija iktar probabbli, anki jekk din iż-żieda tikkonċerna element ta' karattru distintiv baxx.

(8) Sakemm l-evidenza tal-użu turi l-isem tad-dominju bħala indikatur tal-oriġini kummerċjali tal-prodotti u s-servizzi.

Eżempju:

| Alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat | | | |
|---|---|---|---|
| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat | Prodotti u servizzi | Raġunament |
| FLAVOUR AND AROMA | BAA-naa-NAA FLAVOUR AND AROMA | Klassi 31: Frott | Is-sinjal irreġistrat għandu karattru distintiv baxx. L-element miżjud BAA-naa-NAA, li huwa wkoll ta' karattru distintiv baxx, qiegħed fil-bidu u jinteraġixxi mas-sinjal kif irreġistrat bil-ħolqien ta' kunċett ġdid. Tali bidliet jibdlu l-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |

### 4.4 Ommissjonijiet

Bħala punt ta' tluq, is-sinjal kif irreġistrat huwa kkunsidrat bħala unità waħda. Meta element preżenti fis-sinjal kif irreġistrat ikun nieqes fis-sinjal użat, dan jikkostitwixxi ommissjoni. Għandu jiġi vvalutat l-impatt tal-ommissjoni fuq il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat.

#### 4.4.1 L-Ommissjoni ta' Elementi Distintivi

L-elementi distintivi kollha tas-sinjal kif irreġistrati jikkontribwixxu għall-karattru distintiv tiegħu. Għalhekk, l-ommissjoni ta' wieħed minn dawn l-elementi fis-sinjal kif użat tista' tibdel il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat.

Eżempji:

| Alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat | | | |
|---|---|---|---|
| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat | Prodotti u servizzi | Raġunament |
| GERIVAN BUBBLEKAT | BUBBLEKAT | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Is-sinjal irreġistrat huwa kompost minn żewġ elementi verbali distintivi, GERIVAN u BUBBLEKAT. It-tnejn li huma jikkontribwixxu b'mod ugwali għall-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. Għalhekk, l-ommissjoni ta' wieħed minn dawk l-elementi tirriżulta f'alterazzjoni tal-karattru distintiv. |

| | | | |
|---|---|---|---|
|   | **Bubblekat** | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Is-sinjal irreġistrat huwa kompost minn żewġ elementi distintivi, Bubblekat u r-rappreżentazzjoni ta' ħuta stilizzata. It-tnejn li huma jikkontribwixxu b'mod ugwali għall-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. L-ommissjoni ta' wieħed minn dawk l-elementi tirriżulta f'alterazzjoni tal-karattru distintiv. |
|   |  | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Is-sinjal irreġistrat huwa kompost minn żewġ elementi distintivi, ir-rappreżentazzjoni ta' ħuta stilizzata u element verbali, Bubblekat. It-tnejn li huma jikkontribwixxu b'mod ugwali għall-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. L-ommissjoni ta' wieħed minn dawk l-elementi tirriżulta f'alterazzjoni tal-karattru distintiv. |
|  |  | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Is-sinjal kif irreġistrat huwa kompost minn żewġ elementi distintivi, ir-rappreżentazzjoni ta' siġra stilizzata u ħuta. It-tnejn li huma jikkontribwixxu b'mod ugwali għall-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. L-ommissjoni ta' wieħed minn dawk l-elementi tirriżulta f'alterazzjoni tal-karattru distintiv. |

F'każijiet fejn l-elementi fis-sinjal kif irreġistrati jiġu injorati mill-konsumatur minħabba d-daqs żgħir u/jew il-pożizzjoni tagħhom, l-ommissjoni tagħhom fis-sinjal kif użat ma tidbilx il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat.

Eżempji:

| **L-ebda alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat** | | | |
|---|---|---|---|
| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat | Prodotti u servizzi | Raġunament |
| GERIVAN<br>*Bubblekat* | GERIVAN | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat ma jinbidilx peress li l-element li tħalla barra se jiġi injorat mill-konsumatur minħabba d-daqs żgħir u l-pożizzjoni tiegħu. |

| | | | |
|---|---|---|---|
|  |  | Klassi 33: Inbid | Il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat ma jinbidilx peress li l-element li tħalla barra se jiġi injorat mill-konsumatur minħabba d-daqs żgħir u l-pożizzjoni tiegħu. |

4.4.2 L-Ommissjoni ta' Elementi Mhux Distintivi u/jew Elementi ta' Karattru Distintiv Baxx

Jekk is-sinjal kif irreġistrat ikun ta' karattru distintiv medju, l-ommissjoni ta' element mhux distintiv fis-sinjal kif użat ma tkunx tali li tibdil il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. Dan jista' jkun ukoll ġeneralment il-każ fejn l-element li tħalla barra jkun ta' karattru distintiv baxx.

Eżempji:

| **L-ebda alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat** | | | |
|---|---|---|---|
| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat | Prodotti u servizzi | Raġunament |
| **BIO**<br>**GERIVAN** | **GERIVAN** | Klassi 3: Preparazzjonijiet tal-Ħasil | Il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat huwa r-riżultat tal-element verbali distintiv, GERIVAN. L-ommissjoni tal-element mhux distintiv BIO, minkejja li huwa viżwalment dominanti, ma tibdilx il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |
| SUPER GERIVAN | GERIVAN | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat huwa r-riżultat tal-element verbali distintiv, GERIVAN. SUPER mhuwiex distintiv, għalhekk l-ommissjoni ma tibdilx il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |
| **GERIVAN** | **GERIVAN** | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat huwa r-riżultat tal-element verbali distintiv, GERIVAN. L-ommissjoni tal-isfond ta' forma ġeometrika mhux distintiva ma tibdilx il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |
| **The Fence** | **Fence** | Klassi 9: Mowbajls | Il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat huwa prinċipalment ir-riżultat tal-kelma distintiva, "Fence". L-ommissjoni tal-artiklu (il-) ma tibdilx il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |

| | | | |
|---|---|---|---|
|  GERIVAN | GERIVAN | Klassi: 30 Kafè | Il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat huwa r-riżultat tal-element verbali distintiv, GERIVAN. L-ommissjoni tal-element figurattiv mhux distintiv li jirrappreżenta kafena, minkejja li huwa viżwalment dominanti, ma tibdilx il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |

Madankollu, ma jistax jiġi eskluż li l-ommissjoni ta' element ta' karattru distintiv baxx tista' tirriżulta f'eżitu differenti, b'mod partikolari jekk l-element li tħalla barra jkun viżwalment dominanti jew jinteraġixxi ma' elementi oħra.

Eżempji:

| Alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat | | | |
|---|---|---|---|
| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat | Prodotti u servizzi | Raġunament |
|  | Bubblekat | Klassi 9: Karta tal-Kreditu | Il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat huwa r-riżultat tal-element verbali distintiv, BUBBLEKAT, u l-elementi l-oħra fis-sinjal. Dawn l-elementi l-oħra, minkejja li huma ta' karattru distintiv baxx, jinteraġixxu u huma viżwalment dominanti minħabba d-daqs u l-pożizzjoni prominenti tagħhom. L-ommissjoni ta' dawn l-elementi dominanti tibdel il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |
| GERIVAN AROMA | GERIVAN | Klassi 30: Kafè | Il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat huwa r-riżultat tal-kombinazzjoni tal-kelma distintiva, GERIVAN, u l-element AROMA, ippreżentati b'tipa stilizzata, li żżid ċertu karattru distintiv lil dak l-element verbali. Barra minn hekk, dan l-aħħar element, minkejja li għandu karattru distintiv baxx, jidher f'daqs li jiddomina s-sinjal kif irreġistrat. L-ommissjoni ta' tali element dominanti tbiddel il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |

Jekk is-sinjal kif irreġistrat ikun kompost esklużivament minn elementi ta' karattru distintiv baxx u/jew ta' elementi mhux distintivi, li l-kombinazzjoni tagħhom twassal biex is-sinjal b'mod sħiħ ikun reġistrabbli, l-ommissjoni ta' wieħed jew iktar minn dawn l-elementi ġeneralment tibdel il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat.

Eżempji:

| Alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat | | | |
|---|---|---|---|
| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat | Prodotti u servizzi | Raġunament |
|  | BIO | Klassi 31: Ikel għall-qtates | Il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat huwa r-riżultat tal-kombinazzjoni ta' elementi mhux distintivi u ta' karattru distintiv baxx, jiġifieri Bio u l-istilizzazzjoni tal-ittra O li tixbah lil qattus. Il-kombinazzjoni taż-żewġ elementi twassal biex is-sinjal b'mod sħiħ ikun reġistrabbli. Għalhekk, l-ommissjoni ta' wieħed mill-elementi tibdel il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |
|  | Flavour and Aroma | Klassi 30: Kafè | Il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat joħroġ mill-kombinazzjoni ta' forom ġeometriċi u kliem deskrittiv sempliċi. Il-kombinazzjoni ta' elementi bħal dawn jagħmlu lis-sinjal reġistrabbli b'mod sħiħ. Għalhekk, l-esklużjoni ta' xi wħud minn dawn l-elementi tibdel il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |

### 4.5 Modifika tal-Karatteristiċi (eż. it-tipa, id-daqs, il-kuluri, il-pożizzjoni)

#### 4.5.1 Marki ta' Kelma

Bħala prinċipju, ir-rappreżentazzjoni speċifika tal-marka ta' kelma, bħar-rappreżentazzjoni tagħha f'tipa, stilizzazzjoni, daqs, kuluri, jew pożizzjoni partikolari, ma tibdilx il-karattru distintiv tal-marka tal-kelma kif irreġistrata sakemm din il-kelma tibqa' identifikabbli bħala tali fil-forma użata.

Eżempji:

| L-ebda alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat | | | |
|---|---|---|---|
| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat | Prodotti u servizzi | Raġunament |
| GERIVAN | GERIVAN | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Is-sinjal kif irreġistrat jintuża bil-kulur u jibqa' identifikabbli bħala tali fil-forma użata. Għalhekk, tali użu ma jibdilx il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |
| GERIVAN | GERIVAN | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| GERIVAN | GERIVAN | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Is-sinjal kif irreġistrat jintuża f'tipa partikolari li ma tispikkax u li tibqa' identifikabbli bħala tali fil-forma użata. Għalhekk, l-użu f'tali tipa ma jibdilx il-karattru distintiv tiegħu. |
| GERIVAN BUBBLEKAT | GERIVAN BUBBLEKAT | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | L-elementi verbali distintivi huma identifikabbli bħala tali fil-forma użata minkejja l-modifika fil-pożizzjoni tagħhom. Tali bidla ma tibdilx il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |
| GERIVAN BUBBLEKAT | BUBBLEKAT GERIVAN | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | L-elementi verbali distintivi, minkejja li jintużaw f'ordni inversa, ma joħolqux kunċett ġdid u jibqgħu identifikabbli fil-forma użata. Tali bidla ma tibdilx il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |
| GERIVAN | GERIVAN | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Il-bidla fid-daqs tal-ittri G u N ma twassalx għal kunċett ġdid u s-sinjal kif irreġistrat jibqa' identifikabbli bħala tali fil-forma użata. Għalhekk, tali użu ma jibdilx il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |
| BIO GERIVAN | BIO GERIVAN | Klassi 3: Preparazzjonijiet tal-Ħasil | Is-sinjal kif irreġistrat, BIO GERIVAN, huwa kompost minn żewġ elementi verbali, Bio u Gerivan. Minkejja bidliet fil-pożizzjoni, id-daqs u l-kulur tal-element BIO, is-sinjal kif irreġistrat jibqa' identifikabbli bħala tali fil-forma użata. Għalhekk, tali użu ma jibdilx il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |
| GERIVAN | GERIVAN | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Is-sinjal kif irreġistrat huwa identifikabbli bħala tali fil-forma użata. Il-bidla tat-tipa (l-użu f'forma kemxejn stilizzata) u l-kulur ma jibdlux il-karattru distintiv tiegħu. |
| GERIVAN BUBBLEKAT | GERIVAN BUBBLEKAT | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | L-elementi verbali distintivi huma identifikabbli bħala tali fil-forma użata. Il-bidla fil-kulur, id-daqs u l-pożizzjoni ma tibdilx il-karattru distintiv tiegħu. |
| GERI | GERi | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Is-sinjal kif irreġistrat huwa identifikabbli bħala tali fil-forma użata. L-istilizzazzjoni ma tispikkax u ma tibdilx il-karattru distintiv tiegħu. |

Meta l-marka ta' kelma ma tibqax identifikabbli bħala tali, pereżempju, minħabba l-użu tal-kelma fi stilizzazzjoni li tispikka jew minħabba modifiki tal-karatteristiċi li jibdlu t-tifsira tal-element verbali (eż. fejn l-ordni inversa tal-elementi verbali twassal għal tifsira differenti jew

fejn parti indikata grafikament tal-element verbali jkollha tifsira għaliha stess), il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat jinbidel.

Dan huwa wkoll il-każ fejn is-sinjal kif irreġistrat ikun ta' karattru distintiv baxx.

Eżempji:

| **Alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat** | | | |
|---|---|---|---|
| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat | Prodotti u servizzi | Raġunament |
| GERIVAN |  | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Is-sinjal kif irreġistrat m'għadux identifikabbli bħala tali fil-forma użata, peress li huwa illeġibbli. Għalhekk, il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat jinbidel. |
| LOVE YOUNG | YOUNG LOVE | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Għalkemm iż-żewġ elementi verbali tas-sinjal kif irreġistrat huma preżenti fis-sinjal kif użat, l-użu tagħhom f'ordni inversa jibdel it-tifsira tas-sinjal kif irreġistrat. Għalhekk, il-karattru distintiv jinbidel. |
| BUBBLEKAS | BUBBLEMAS | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Il-bidla tal-ittra "K" għal "M" ma tippermettix l-identifikazzjoni tas-sinjal kif irreġistrat fil-forma kif użata. Għalhekk, il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat jinbidel. |

4.5.2 Marki Purament Figurattivi

Fil-każ ta' marki purament figurattivi, il-karattru distintiv jirriżulta mill-elementi figurattivi f'rappreżentazzjoni partikolari. Għalhekk, il-modifika tar-rappreżentazzjoni x'aktarx li tibdel il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat, sakemm ma tikkonċernax karatteristiċi (eż.: il-kulur, il-forma) li ma jkunux kontributuri essenzjali għall-karattru distintiv tas-sinjal.

Eżempji:

| **L-ebda alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat** | | | |
|---|---|---|---|
| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat | Prodotti u servizzi | Raġunament |
|  |  | Klassi 9: Software | Il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat huwa r-riżultat tar-rappreżentazzjoni partikolari ta' muntanja kannella. Peress li l-kulur kannella ma jikkontribwixxix essenzjalment għall-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat, il-bidla tiegħu għall-griż ma tibdilx il-karattru |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |
|  |  | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat huwa r-riżultat kemm tar-rappreżentazzjoni ta' denfil kif ukoll tal-kombinazzjoni tal-kuluri maġenta u abjad. L-inverżjoni tal-kuluri fl-eżempju, li jżommu l-istess kuntrast, ma tibdilx il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |
|  |  | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat huwa r-riżultat tar-rappreżentazzjoni partikolari ta' iljunfant kannella ċar. L-użu tal-iljunfant f'pożizzjoni differenti ma jikkostitwixxix bidla sinifikanti, u għalhekk bidla bħal din ma tibdilx il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |

**Alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat**

| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat | Prodotti u servizzi | Raġunament |
|---|---|---|---|
|  |  | Klassi 31: Banana | Il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat huwa r-riżultat biss tar-rappreżentazzjoni partikolari tal-banana bir-roża (kulur ta' fantasija). L-użu tal-banana bil-kulur naturali tagħha (isfar) ma jibdilx il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |
|  |  | Klassi 9: Software | Il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat huwa r-riżultat tar-rappreżentazzjoni partikolari tad-denfil bil-kuluri reali tiegħu. Il-bidla ta' tali kuluri għal dawk li jixbhu l-istrixxi taż-żebra suwed u bojod hija impressjonanti għad-dniefel u tikkostitwixxi bidla sinifikanti. Tali użu jibdel il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |

| | | | |
|---|---|---|---|
|  |  | Klassi 25: Ħwejjeġ, żrabenu xedd ir-ras | Għalkemm il-kunċett ta' iljunfant fis-sinjal kif irreġistrat jinżamm fis-sinjal kif użat, il-modifiki tar-rappreżentazzjoni, jiġifieri l-forma, il-pożizzjoni u l-istilizzazzjoni tal-iljunfant huma sinifikanti biżżejjed biex jibdlu l-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |

Fil-każ ta' marki purament figurattivi ta' karattru distintiv baxx, anki l-modifiki żgħar tal-marka jistgħu jwasslu għal alterazzjoni tal-karattru distintiv tagħha.

### 4.5.3 Marki Komposti

F'marki komposti, bħala prinċipju, kemm l-elementi verbali kif ukoll dawk figurattivi jikkontribwixxu għall-karattru distintiv tas-sinjal, tal-inqas sa ċertu punt. B'mod ġenerali, iktar ma element jikkontribwixxi għall-karattru distintiv, iktar huwa probabbli li modifika ta' tali element tibdel il-karattru distintiv tas-sinjal.

F'każijiet fejn il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat essenzjalment ikun ir-riżultat tal-elementi verbali tiegħu, l-użu ta' dawk l-elementi b'tipa, kulur jew daqs differenti normalment ma jibdilx il-karattru distintiv (ara t-taqsima 4.5.1. hawn fuq), sakemm id-differenzi jkunu tant sinifikanti li jkollhom impatt fuq l-impressjoni ġenerali tas-sinjal kif irreġistrat.

Eżempji ta' meta l-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat essenzjalment ikun ir-riżultat tal-elementi verbali tiegħu:

| **L-ebda alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat** | | | |
|---|---|---|---|
| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat | Prodotti u servizzi | Raġunament |
|   |   | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat huwa essenzjalment ir-riżultat tal-elementi verbali distintivi, GERIVAN u BUBBLEKAT. Il-bidla fil-kulur minn aħdar ċar għal blu u aħmar mhijiex tant sinifikanti li jkollha impatt fuq l-impressjoni ġenerali tas-sinjal kif irreġistrat. |
|   |   | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat huwa essenzjalment ir-riżultat tal-element verbali distintiv, GERIVAN. Il-bidla fil-kulur tal-isfond u l-element verbali minn iswed għal abjad u viċe versa, filwaqt li żżomm l-istess kuntrast, mhijiex daqshekk sinifikanti li jkollha impatt fuq l-impressjoni ġenerali tas-sinjal kif irreġistrat. Għalhekk, tali bidla |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | ma tibdilx il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |
|  |  | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat huwa essenzjalment ir-riżultat tal-element verbali tiegħu, GERIVAN. L-element verbali jintuża b'tipa differenti, li mhijiex tant differenti b'mod sinifikanti li jkollha impatt fuq l-impressjoni ġenerali tas-sinjal kif irreġistrat. Għalhekk, tali bidla ma tibdilx il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |
|  |  | Klassi 32: Ilma Minerali | Il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat huwa essenzjalment ir-riżultat tal-element verbali tiegħu, GERIVAN, peress li r-rappreżentazzjoni ta' muntanja tista' tirreferi għall-karatteristiċi tal-prodotti. It-bidliet fit-tipa, il-pożizzjoni u d-daqs tal-element verbali distintiv mhumiex tant sinifikanti li jbiddlu l-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |
|  |  | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat huwa essenzjalment ir-riżultat tal-element verbali tiegħu, GERIVAN. Il-bidliet fid-daqs u fl-isfumatura ta' aħdar tal-ewwel u l-aħħar ittri mhumiex tant sinifikanti li jkollhom impatt fuq l-impressjoni ġenerali tas-sinjal kif irreġistrat. Għalhekk, tali bidliet ma jiblux il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |

| Alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat | | | |
|---|---|---|---|
| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat | Prodotti u servizzi | Raġunament |
|  |  | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben Fu xedd ir-ras | Il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat huwa essenzjalment ir-riżultat tal-element verbali tiegħu GERIVAN. Il-bidla tat-tipa għal waħda li tagħmel l-element verbali illeġibbli tikkostitwixxi differenza sinifikanti bejn is-sinjal kif użat u l-forma rreġistrata tiegħu. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| GERIVAN | GERI VAN | Klassi 32: Ilma Minerali | Il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat huwa r-riżultat tal-element verbali tiegħu, GERIVAN, peress li r-rappreżentazzjoni ta' muntanja tista' tirreferi għall-karatteristiċi tal-prodotti. L-użu tal-element verbali, maqsum f'GERI u VAN, iwassal għal differenzi sinifikanti li jkollhom impatt fuq l-impressjoni ġenerali tas-sinjal kif irreġistrat. Il-bidla fil-kulur kemm tal-elementi figurattivi kif ukoll dawk verbali ssaħħaħ il-konklużjoni. |

Għall-marki komposti li fihom il-karattru distintiv ikun essenzjalment ir-riżultat tal-elementi figurattivi tagħhom, il-modifiki tar-rappreżentazzjoni ta' dawk l-elementi x'aktarx li jibdlu l-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat, sakemm ma jikkonċernawx il-karatteristiċi (eż. l-istilizzazzjoni, it-tqassim jew il-kulur) li mhumiex kontributuri essenzjali għall-karattru distintiv tas-sinjal (ara t-taqsima 4.5.2. t'hawn fuq).

Eżempji ta' meta l-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat essenzjalment ikun ir-riżultat tal-elementi figurattivi tiegħu:

| **L-ebda alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat** | | | |
|---|---|---|---|
| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat | Prodotti u servizzi | Raġunament |
| Best quality! | Best quality! | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat huwa essenzjalment ir-riżultat tal-element figurattiv tiegħu li jirrappreżenta muntanja kannella, peress li "L-aħjar kwalità!" tiġi pperċepita bħala deskrittiva. Peress li l-kulur kannella ma jikkontribwixxix essenzjalment għall-karattru distintiv, il-bidla tiegħu għall-kannella ċar kif ukoll il-pożizzjoni tiegħu ma jibdlux il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |

| **Alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat** | | | |
|---|---|---|---|
| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat | Prodotti u servizzi | Raġunament |
| FLAVOUR AND AROMA | FLAVOUR AND AROMA | Klassi 30: Kafè | Il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat huwa r-riżultat tat-tipa/tal-istilizzazzjoni grafika partikolari tal-elementi verbali, peress li l-elementi verbali fihom infushom mhumiex distintivi. L-uniku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | aspett distintiv tas-sinjal kif irreġistrat jisparixxi fil-forma użata. Għalhekk, l-użu ta' tali elementi verbali b'tipa standard jibdel il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |
|  Best quality! |  | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Il-karattru distintiv tas-sinjal, kif irreġistrat, huwa essenzjalment r-riżultat tar-rappreżentazzjoni ta' muntanja kannella, peress li "L-aħjar kwalità!" tiġi pperċepita bħala deskrittiva. Il-modifika tar-rappreżentazzjoni tal-muntanja hija tant sinifikanti li tibdel il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat. |

Meta l-karattru distintiv tas-sinjal ikun ir-riżultat tal-elementi verbali kif ukoll figurattivi (inklużi l-karatteristiċi tagħhom bħal stilizzazzjoni, tqassim jew kulur), dawn l-elementi għandhom jiġu rrispettati. Meta l-arranġament ta' dawn l-elementi jikkontribwixxi għall-karattru distintiv, il-bidla tat- tali arranġament tista' tibdel il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat.

Eżempji ta' meta l-karattru distintiv tas-sinjal ikun essenzjalment ir-riżultat tal-elementi verbali u figurattivi tiegħu:

| **Alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat** | | | |
|---|---|---|---|
| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat | Prodotti u servizzi | Raġunament |
|  | GERI | Klassi 30: Kafè | Il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat huwa r-riżultat kemm tal-element verbali, li jiġi pperċepit bħala GER, kif ukoll ta' element figurattiv li jirrappreżenta forom ġeometriċi. Fil-forma użata l-element verbali GER huwa sostitwit minn GERI, li jidher f'tipa standard, u l-element figurattiv jisparixxi kompletament.It- tali bidliet jibdlu l-karattru distintiv tal-marka kif irreġistrata. |
|  | BUBBLEKAT | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras | Il-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat huwa r-riżultat taż-żewġ elementi verbali, BUBB u LEKAT, kif ukoll l-istilizzazzjoni partikolari tagħhom. Fil-forma użata, l-elementi verbali BUBB u LEKAT jidhru bħala kelma waħda u f'tipa standard. Tali modifiki jibdlu l-karattru distintiv tal-marka kif irreġistrata. |

## 4.6 Kombinazzjoni ta' bidliet

Fil-prattika, tipi differenti ta' bidliet jistgħu jiġu kkombinati fis-sinjal kif użat.

Jistgħu jiġu identifikati erba' tipi ta' kombinazzjonijiet:

- Kombinazzjoni ta' bidliet li jinvolvu l-ommissjoni ta' ċerti elementi tas-sinjal kif irreġistrat u ż-żieda ta' elementi oħra.
- Kombinazzjoni ta' bidliet li jinvolvu l-modifika ta' ċerti karatteristiċi tas-sinjal kif irreġistrat u ż-żieda ta' elementi oħra.
- Kombinazzjoni ta' bidliet li jinvolvu l-ommissjoni ta' ċerti elementi tas-sinjal kif irreġistrat u l-modifika ta' ċerti karatteristiċi tal-elementi li jibqgħu.
- Kombinazzjoni ta' bidliet li jinvolvu l-ommissjoni ta' ċerti elementi tas-sinjal kif irreġistrat, il-modifika ta' ċerti karatteristiċi tal-elementi li jibqgħu u ż-żieda ta' elementi oħra.

B'mod ġenerali, fejn il-bidliet jikkonċernaw kombinazzjoni ta' żieda, ommissjoni jew modifiki tal-karatteristiċi, **japplikaw il-prinċipji rispettivi tal-Prattika Komuni**. Għalhekk, bidliet li jaffettwaw elementi distintivi ġeneralment iwasslu għal alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat, filwaqt li dawk li jaffettwaw elementi mhux distintivi jew elementi ta' karattru distintiv baxx huma inqas probabbli li jibdlu l-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat.

Fil-każ ta' kombinazzjoni ta' bidliet, għandu jiġi vvalutat jekk kwalunkwe waħda mill-bidliet weħidha (eż. l-ommissjoni ta' element) twassalx għall-alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat waqt li l-bqija tal-bidliet ma jkollhomx impatt deċiżiv.

Jekk it- tali bidla individwali ma twassalx għall-alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat, l-effett tal-kombinazzjoni ta' kull bidla għandu jiġi vvalutat. Jista' jkun il-każ li l-akkumulazzjoni ta' bidliet biss twassal għal alterazzjoni ta' karattru distintiv.

L-eżempji t'hawn taħt juru każijiet fejn il-bidliet għal elementi mhux distintivi jew elementi ta' karattru distintiv baxx ma jibdlux il-karattru distintiv:

| L-ebda alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat | | |
|---|---|---|
| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat | Prodotti u servizzi |
|  |  | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras |

| | | |
|---|---|---|
| GERIVAN | GERIVAN | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras |
|   |   | Klassi 33: Inbid |
|   |   | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras |
|   |   | Klassi 9: Software |

L-eżempji t'hawn taħt juru każijiet fejn bidliet għal element distintiv jew elementi ta' karattru distintiv baxx jibdlu l-karattru distintiv:

| **Alterazzjoni tal-karattru distintiv tas-sinjal kif irreġistrat** | | |
|---|---|---|
| Sinjal kif irreġistrat | Sinjal kif użat | Prodotti u servizzi |
| Is-sinjal kif irreġistrat huwa **ta' karattru distintiv medju**: | | |
| **Bidla ewlenija:** Żieda ta' element distintiv | | |
|  |  | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras |
|  |  | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras |
| **Bidla ewlenija:** Modifika ta' element distintiv | | |
|  |  | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras |

| | | |
|---|---|---|
|  |  | Klassi 25: Ħwejjeġ,żraben u xedd ir-ras |
| **Bidla ewlenija:** Ommissjoni ta' element distintiv | | |
| GVL<br>GERI VAN LYR |  | Klassi 25: Ħwejjeġ, żraben u xedd ir-ras |
| Is-sinjal kif irreġistrat huwa **ta' karattru distintiv baxx**: | | |
| **Modifika ewlenija:** Modifika tal-kontributur ewlieni għall-karattru distintiv (tipa/stilizzazzjoni) | | |
|  |  | Klassi 30: Kafè |
|  |  | Klassi 31: Banana |
|  | FRESH SARDINE | Klassi 29: Sardin |

<table>
<tr><td colspan="3">Bidla ewlenija: Ommissjoni ta’ elementi ta’ karattru distintiv baxx u/jew ta’ elementi mhux distintivi (li flimkien jagħmlu s-sinjal sħiħ reġistrabbli)</td></tr>
<tr><td>
</td><td>
</td><td>Klassi 30:<br>Prodotti tal-ħami</td></tr>
</table>